**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 7 ta' Frar, 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**-vs-**
**Pio Galea detentur tal-karta tal-identita` numru: 249660(M);**

**Carmel Galea, detentur tal-karta tal-identita' numru: 955850(M).**

*Kumpilazzjoni Nru. 709/2020*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati **Pio Galea u Carmel Galea** u ċioe` talli:

> Nhar it-28 ta' Novembru 2019, għal-ħabta tal-07:15 ta' filgħodu, ġewwa Triq tal-Palma, Limiti ta' Mġarr, mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' Nicholas Caruana Turner f'periklu ċar, ikkaġunawlu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura gravi, hekk if iċċertifikat minn Dr. Sephora Santucci, numru mediku 4291, bi ksur tal-Artikolu 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmi Nicholas Caruana Turner u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u toħroġ ordni ta' protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Rat li waqt l-udjenza tal-lum, l-imputati ammettew l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputati wieġbu li huma ħatja ghall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w huma ngħataw żmien xieraq sabiex jekk riedu setgħu jerġgħu lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħhom, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li jinsabu addebitati bih, tal-fedina penali tagħhom, tal-ammissjoni tagħhom kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fosthom li l-parte civile ma għadx għandu interess fil-proċediment in deżamina w irrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli.

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 218(1b), 222A (1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni addebitata lilhom, iżda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jwettqux reat ieħor fi żmien sentejn millum.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputati a favur ta' Nicholas Caruana Turner ghal żmien sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**